MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2007

Numru 1787/2001/2

**A B**
**vs**
**C D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat fit-28 ta' Settembru 2007 li permezz tieghu l-attrici rrilevat li fl-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti kien hemm zewg boathouses, u li wahda minnhom, u cioe' il-boathouse numru 14 Triq il-Klamari, fl-Armier, ma gietx mehuda in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni u fl-assenjazzjoni tal-imsemmija assi;

Rat ir-risposta tal-konvenut li biha ssolleva li l-imsemmja boathouse kienet giet trasferita lil certu Lawrence Tabone permess ta' skrittura privata[1] datata 29 ta' Frar 2001;

---

[1] Fol.247 – dok.CT

Rat ir-rapport ulterjuri[2] tal-perit gudizzjarju l-Perit Mario Cassar li vvaluta din il-boathouse fis-somma ta’ Lm7,200;

Rat is-sentenza mghotija minn din il-Qorti fil-25 ta’ Settembru 2007;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi jirrizulta li l-komunjoni ta’ l-akkwisti, apparti mill-assi ndikati fis-sentenza precitata, kienet tikkomprendi ukoll garage/boathouse ohra bin-numru 14 fi Triq il-Klamari fl-Armier tal-valur ta’ Lm7,200 li tinsab fuq in-naha ta’ wara tal-boathouse numru 97 fl-istess Triq.

Illi in propositu l-konvenut kien esebixxa kopja ta’ skrittura privata datata 29 ta’ Frar 2001 biex jipprova li kien sar ftehim bejnu u bejn habib tieghu certu Lawrence Tabone u li bis-sahha ta’ l-istess il-konvenut kien trasferixxa u assenja lil dan “kull dritt u jedd li jista’ jkollu” f’ dan il-fond, u dana bhala “kompensazzjonijiet ta’ xoghol u servigi ohra”.[3] Il-firmatarji ta’ din l-iskirttura kienu dawn iz-zewg partijiet biss, u mill-provi jirrizulta li saret ad insaputa ta’ l-attrici.

In propositu l-Qorti tirrileva li ghandha riservi kbar dwar l-awtenticita’ ta’ din it-transazzjoni; anzi l-Qorti hija certa li din saret mill-konvenut b’ tentattiv sabiex jeludi d-drittijiet ta’ l-attrici fuq dan il-fond tal-komunjoni, li ghalhekk nofsu jappartjeni lilha. Din il-konkluzjoni hija bazata fuq [1] in-nuqqas da parti tal-konvenut li jressaq provi in propositu; [2] il-fatt li l-iskrittura saret fil-mori tal-proceduri, u ad insaputa ta’ martu l-attrici; [3] il-fatt li, ghalkemm l-imsemmi Lawrence Tabone xehed permezz ta’ affidavit[4] fit-12 ta’ Novembru 2002, u xehed ukoll viva voce quddiem l-Assistant Gudizzjarju fil-25 ta’ Gunju 2003 u ddeskriva r-relazzjoni tieghu mal-konvenut bhala “qisna ahwa”, ma saret ebda referenza ghall-imsemmija skrittura ffirmata minnu fis-sena 2001.

---
[2] Fol.270 *et seq.*
[3] Fol.247
[4] Fol.29

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi jirrizulta li l-imsemmija boathouse ghandha tigi likwidata bhala parti mill-assi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u li ghalhekk nofs il-valur taghha jappartjeni lill-attrici. Konsegwnetement il-konvenut ghandu jghati lill-attrici is-somma ta’ tlett elef u sitt mitt lira maltin [Lm3,600] rapprezentanti sehemha mill-istess.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

Tiddikjara li l-garage/boathouse numru 14 Triq il-Klamari fl-Armier, tal-valur komplessiv ta’ Lm7,200, ghandu jitqies bhala parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti; u tassenja s-sehem ta’ l-attrici mill-istess lill-konvenut li minn naha tieghu ghandhu jikkumpensa lill-attrici billi jhallasha nofs il-valur ta’ l-imsemmi fond u cioe’ Lm3,600; u konsengwenzjalment tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici din is-somma.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------